**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 466/2018/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlot Calleja**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charlot Calleja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 192782(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-10 ta' Mejju 2018, għall-ħabta tal-5.00pm jew xi ħinijiet oħra, ġewwa il-fabbrika SIGNIT Holdings, KW09B, Żona Industrjali, f'Raħal Ġdid u fl-inħawi ċirkostanti:

1. ikkommetta serq ta' *aluminium* u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' Ruben Caruana u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

2. laqa' għandu, jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ illi ssib il-ħtija, tordna lill-imputat sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni, jew offiża jew ħsara oħra, inkluż ħsara morali u/jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, hekk kif maħsub f'Artikolu 15A tal-istess Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2021 fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni stante li sabet li din kienet ingħatat bħala alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'żieda mal-piena, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas lil Reuben Caruana għan-nom ta' Signit Holdings Limited is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) bħala kumpens għad-danni kkaġunati permezz tar-reat fi żmien sena mid-data tas-sentenza. Din l-ordni kellha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"1) Tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tiegħu fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v.***

***Charlot Calleja** deċiża nhar is-27 ta' Mejju 2021 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija; 2) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, fin-nuqqas, u ċioè f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena aktar idonea mhux waħda karċerarja u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi b'digriet mogħti fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 158) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fl-20 ta' April 2023 (*a fol.* 210) u fil-11 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 216) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti kif preseduta li kien qed jagħlaq il-każ b'suċċess u fejn għamel ir-rakkomondazzjoni tiegħu lill-Qorti.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fl-4 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 212 *et seq.*) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret irriżulta li fi stadju ta' appell l-appellant kellu dan l-appell u kif ukoll appell ieħor bin-Numru 276/2018 li qed jinstema' quddiem din il-Qorti kif preseduta stess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2021. L-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena. Alternattivament jitlob piena aktar idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi jirriżulta li dan il-każ jirrigwarda serq ta' xi bċejjeċ tal-*aluminium* b'dan illi l-parti leża Ruben Caruana rrapporta li tliet bibien tal-kumpanija Signit Holdings Limited kienu ġew misruqa. Minn filmat jidher persuna jġorr dawn il-bibien. Irriżulta li din il-persuna kien l-appellant li jgħid li huwa ħasibhom mormija u li ġabarhom minħabba l-valur tal-ħadid.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta dwar il-fatt li skont hu l-avukat tal-għajnuna legali ma għamlitx ix-xogħol tagħha sew quddiem l-Ewwel Qorti minħabba li ma saritx talba *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Jargumenta li matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huwa kien qiegħed jattendi kors residenzjali mal-Caritas sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, liema kors tlesta b'suċċess ftit ġimgħat qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Jispjega li kien detrimentali li ssir talba *ai termini* ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tant li nkisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu peress li, skont hu, ma ġiex mogħti għajnuna legali li setgħet titqies bħala *"practical and effective"*.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li f'numru ta' drabi l-appellant naqas milli jidher għas-seduti miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti u jidher ukoll li l-konsulenta legali tiegħu ppruvat tiġġustifika dan billi ppreżentat ċertifikati. Mill-atti proċesswali jirriżullta wkoll li l-appellant naqas milli jsegwi l-kawża kontra tiegħu bl-interess neċessarju tant li lanqas

ikkomunika mal-konsulenta legali tiegħu u dan jidher mill-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-15 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 70) u fil-5 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 73). Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti wissiet lill-appellant allura imputat li kien jeħtieġ li jikkomunika mal-konsulent legali tiegħu u dan wara li l-konsulent legali in kwistjoni għarrfet lill-Ewwel Qorti li l-appellant allura imputat ma kienx ikkomunika magħha.

Illi fil-verżjoni tat-28 ta' Frar 2023 tal-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a Fair Trial (Criminal Limb)** ġie imfisser is-segwenti:

> "495. Article 6 § 3 (c) enshrines the right to "practical and effective" legal assistance. Bluntly, the mere appointment of a legal-aid lawyer does not ensure effective assistance since the lawyer appointed may die, fall seriously ill, be prevented for a protracted period from acting, or shirk his duties (*Artico v. Italy*, 1980, § 33; *Vamvakas v. Greece (no. 2)*, 2015, § 36).
>
> 496. However, a Contracting State cannot be held responsible for every shortcoming on the part of a lawyer appointed for legal-aid purposes or chosen by the accused (*Lagerblom v. Sweden*, 2003, § 56; *Kamasinski v. Austria*, 1989, § 65). Owing to the legal profession's independence, the conduct of the defence is essentially a matter between the defendant and his representative; the Contracting States are required to intervene only if a failure by counsel to provide effective representation is manifest or is sufficiently brought to their attention (*Imbrioscia v. Switzerland*, 1993, § 41; *Daud v. Portugal*, 1998, § 38). State liability may arise where a lawyer simply fails to act for the accused (*Artico v. Italy*, 1980, §§ 33 and 36) or where he fails to comply with a crucial procedural requirement that cannot simply be equated with an injudicious line of defence or a mere defect of argumentation (*Czekalla v. Portugal*, 2002, §§ 65 and 71)."

Illi minn analiżi tal-atti proċesswali din il-Qorti ma tqiesx li l-avukat tal-għajnuna legali li ġiet assenjata lill-appellant naqset milli tipprovdi rappreżentazzjoni effettiva jew naqset milli taġixxi għall-appellant. Din il-Qorti għandha dubji tagħha kemm l-appellant kien qed jinforma lill-konsulenta legali tiegħu b'dak li kien qed jagħmel. Apparti l-fatt li din il-Qorti ma għandhiex kompetenza tqies jekk ġiex miksur xi jedd fundamentali tal-appellant, pero' fl-istess waqt din il-Qorti tinnota li quddiem din il-Qorti saret talba mill-appellant sabiex hija tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li huwa ma setax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet li tressqu kontra tiegħu. Jispjega li l-Ewwel Qorti kellha tidħol fl-element formali tar-reat. Jgħid li kif qal fl-istqarrija hu ħaseb li l-bibien in kwistjoni kienu għar-rimi minħabba li kienu ħdejn *skip* u kien fihom xi tgħaffiġ. Jispjega li l-parti leża kkonferma li l-bibien kienu qegħdin fil-*parking* li s-soltu kien ikun magħluq b'katina iżda kien miftuħ minħabba li kien hemm in-nies jaħdmu. Jisħaq li għalih dawn il-bibien kienu abbandunati u li l-att waħdu tal-akkadut tal-10 ta' Mejju 2018 hekk kif deskritt fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu ma jistax jitqies bħala att kolpevoli jekk tali att ma kienx akkumpanjat b'*mens rea*. Jinsisti li minħabba f'hekk huwa ma kellux jiġi misjub ħati tal-ebda imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni b'dan illi hija astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni. Għandu jiġi nnutat ukoll li s-sejbien ta' ħtija tat-tielet (3) imputazzjoni kien jiddependi fuq is-sejbien ta' ħtija tal-ewwel (1) imputazzjoni (jew tat-tieni (2) imputazzjoni). Ma jfissirx li jekk l-appellant kien ser jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni li huwa kien ser jinstab ħati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni, pero' f'kaz li l-appellant ma kienx ser jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (u

tkun eskluża t-tieni (2) imputazzjoni) huwa ma setax jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi fir-rigward ta' dak sollevat fit-tieni aggravju, din il-Qorti taqbel mad-dottrina u ġurisprudenza assodata li ma jintegrax ir-reat ta' serq meta xi ħadd japproprja ruħu minn *res nullius* jew *res derelictae*. Jekk persuna tapproprja ruħha minn oġġett li jkun instab f'ċirkostanzi li juru li dak l-oġġett kien abbandunat minn sidu ma jistax jitqies li jkun twettaq ir-reat tas-serq. Minkejja dan, jekk fil-mument tal-att ta' approprjazzjoni ċ-ċirkostanzi juru li l-oġġett ikun *res aliena* u għalhekk li jkun hemm persuna li tkun għadha tippossjedi dan l-oġġett f'dak il-mument, allura l-persuna li tapproprja ruħha minn dan l-oġġett mhux tagħha, mingħajr dritt fuqu u mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun tippossjedih, tikkommetti s-serq tal-istess oġġett.

Illi biex l-oġġett ikun jista' jitqies li huwa *res derelictae* dan l-oġġett irid jinstab f'ċirkostanzi tali li juru b'mod li sidu intenzjonalment ma riedx aktar li dan l-oġġett jibqa' fil-partimonju tiegħu u b'hekk ikun abbandunah b'mod inekwivokabbli u irrevokabbli. Jekk minħabba l-post fejn ikun jinstab oġġett jew minħabba l-qagħda u l-kondizzjoni tiegħu, wieħed jista' jifhem li dan l-oġġett ma kienx abbandunat, iżda li jista' jkun hemm xi ħadd li jkun għadu, b'xi mod, jippossjedih jew li għandu l-kontroll fuqu, u persuna li ma jkollhiex jedd għal dak l-oġġett tapproprja ruħha minnu, din tkun passibbli għar-reat tas-serq. Biex din il-persuna tkun tista' teskolpa ruħha mir-responsabilita' għar-reat ta' serq ta' dan l-oġġett, hi trid turi li ċ-ċirkostanzi ġenwinament ġegħluha temmen li l-oġġett li kienet approprjat ruħha minnu kien abbandunat minn sidu jew li kien oġġett ma jappartjeni lil ħadd.

Illi biex oġġett jitqies li jkun abbandunat u li għalhekk ma hu ta' ħadd, irid jintwera li l-oġġett kien ġie abbandunat minn sidu b'mod li ċ-ċirkostanzi jkunu juru li sidu neħħa minn idejh il-pussess tal-oġġett u li jkun irrinunzja għall-jedd ta' sid fuq l-istess oġġett. Jekk dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżultawx allura jkun jista' jikkonfigura r-reat ta' serq. Dan peress li l-element formali fir-reat tas-serq jeħtieġ l-għarfien tal-aġent li japproprja ruħu, ossia

jikkontretta dolożament il-proprjeta ta' ħaddieħor. Huwa biss l-iżball ġenwin li jista' jitnissel meta ċ-ċirkostanzi jkunu juru, b'mod ċar u inekwivokabbli li l-oġġett kien abbandunat minn sidu jew li l-oġġett kien jappartjeni lilu, li din l-intenzjoni ma titqiesx integrata. Eżempju li juri meta jista' jkun hemm dan l-iżball ġenwin huwa meta l-oġġett ma jitteħidtx bil-moħbi, jew inkella meta dak li jkun ma jippruvax jaħbi li huwa ħa dak l-oġġett.

Illi jkun opportun li ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gianluca Carabott** (Numru 205/2019) mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta li għamlet riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Xuereb et** fejn ingħad hekk:

> "Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li min isib oġġetti f'post pubbliku f'ċirkostanzi tali li wieħed jista' jifhem li dawk l-oġġetti mhumiex abbandunati u japproprja ruħu minnhom, jikkommetti serq."

Illi fl-istqarrija (*a fol.* 13 *et seq*.) rilaxxata mill-appellant, liema stqarrija ssir riferenza għaliha fl-aggravju in eżami, l-appellant jgħid li ħaseb li l-bibien in kwistjoni kienu għar-rimi *"peress li kien ħdejn skip, u kellhom anki xi tgħaffiġ"* (*a fol.* 14). Minkejja dan, mir-ritratti u mill-filmat li ġew eżebiti fl-atti proċesswali jidher l-appellant jistudja l-*area* mimlija oġġetti u jidher ukoll l-appellant iġorr dawk li jidhru huma bibien b'dan illi l-i*skip* li huwa jirreferi għaliha fl-istqarrija ma tidhirx ħdejn fejn kienu l-bibien in kwistjoni! Apparti minn dan, jirriżulta li l-bibien misruqa kienu qed jiġu maħżuna fil-fond tal-parti leża. Minn dan kollu jirriżulta li mhux minnu dak li qal l-appellant meta qal li ħaseb li l-bibien kienu mormija. Għaldaqstant anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li l-appellant jgħid li hija waħda ngħusta u eżaġerata. Huwa jgħid li spiċċa b'suċċess il-kors tal-Caritas u jistħoqqlu ċans ieħor.

Jargumenta li minħabba li huwa kkoopera mal-Pulizija, l-Ewwel Qorti kellha tkun aktar klementi miegħu.

Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kinitx eżaġerata u dana meta jittieħed in konsiderazzjoni tal-fatt li l-appellant instab ħati kemm tal-ewwel (1) imputazzjoni u kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva fit-tielet (3) imputazzjoni. Minkejja li l-appellant jgħid li huwa kkoopera mal-Pulizija, mill-atti proċesswali jirriżulta li huwa kkontesta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota li, wara li wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jiġi magħluq b'suċċess bir-rakkomandazzjoni li l-appellant jibqa' f'kuntatt mal-Caritas (*a fol.* 210). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant u li huwa ġie misjub ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni, liema sejbien ta' ħtija ġie konfermat minn din il-Qorti;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta minn Dr. Moses Camilleri (*a fol.* 141 *et seq.*), mill-Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard (*a fol.* 145 *et seq.*), minn David Mellors (*a fol.* 149 *et seq.*) u minn Maria Caruana (ir-rappreżentanta tal-Caritas – *a fol.* 151 *et seq.*);

- dak li jirriżulta fir-rapport tal-Caritas datat 19 ta' Diċembru 2022 (*a fol.* 178) redatt minn Anthony Gatt (Direttur ta' Caritas Malta) u dak li jirriżulta mir-rapport anness miegħu li ġie redatt minn Maria Caruana (*a fol.* 179 *et seq.*);

- il-fatt illi jirriżulta li fi stadju ta' appell l-appellant għandu pendenti din il-kawża u kawża oħra bin-Numru 276/2018 li tinsab ukoll quddiem din il-Qorti kif preseduta;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalqu b'suċċess bir-rakkomondazzjoni tiegħu.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu

mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant fis-sens ser tbiddel il-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiż liema piena din il-Qorti tqies hija aktar idonea għall-appellant fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Illi dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-appellant allura imputat iħallas lil Reuben Caruana għan-nom ta' Signit Holdings Limited is-somma ta' sitt mitt Euro (€600), din għandha tibqa' fis-seħħ.

Illi l-andament pożittiv dwar l-appellant jirriżulta mill-fatt li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-appellant kien għamel progress kbir u kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tiegħu tant li kkunsidra l-każ tal-appellant bħala magħluq b'suċċess. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-aħħar ċans lill-appellant sabiex ikompli jimxi fit-triq it-tajba li jidher li mixi fiha.

Illi l-appellant qed jingħata din l-opportunita' sabiex jevita li jiġi mibgħut jiskonta piena fil-ħabs b'dan illi huwa għandu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jevita li jiġi mibgħut il-ħabs.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Charlot Calleja u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'żieda mal-piena l-appellant ġie ordnat iħallas lil Reuben Caruana għan-nom ta' Signit Holdings Limited is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) bħala kumpens għad-danni kkaġunati permezz tar-reat u dana fi żmien sena mil-lum, liema ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sitt (6) xhur priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**